MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Numru. 127/2007

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Steven Satariano, iben James, imwieled San Ġiljan fit-28 ta' novembru, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'Jannar, 2007 u fil-ġimgħat immedjatament preċedenti f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkometta serq ta' pulses tas-sistema telefonika b'valur ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100) għad-dannu ta' Victor Cavallo minn tas-Sliema;
2. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki

foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' ntrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100) iżda li ma jeċċedix l-elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu ta' Victor Cavallo minn tas-Sliema;
3. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi bena, biddel, għamel, ipposjeda, biegħ jew xtara xi apparat li bih seta' jikkonnetti kontra l-liġi ma sistema ta' telekomunikazzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi fl-24 ta' jannar, 2007 il-Maltacom irraportat lill-pulizija li fuq in-numru 21 318 132 li kien reġistrat fuq Victor Cavallo saru sensiela ta' telefonati li dan il-konsumatur irraporta li ma kienx għamel. Fil-fatt dawn it-telefonati kienu jkopru l-perjodu li jibda fil-25 ta' diċembru, 2006 sal-21 ta' jannar, 2007. Għalhekk, impjegati tal-Maltacom marru jagħmlu spezzjoni fil-kaxxa tal-linji tat-telefon u sabu li l-linja ma kinitx qed tidħol għand il-konsumatur iżda kienet qed tidħol għand ħaddieħor. Illi dan il-ħaddieħor kien l-imputat u l-appartament tiegħu kellhu n-numru 11 fil-waqt li Victor Cavallo kien joqgħod fin-numru 12.

Illi l-istorja ta' dan in-numru tat-telefon kienet li madwar tlett snin qabel Victor Cavallo kellhu l-internet installat b'numru apposta għal dan is-servizz. Maż-żmien Victor Cavallo biddel il-kumpanija li jforni l-internet iżda qatt ma talab biex din il-linja titneħħa. F'perjodu partikolari hu nduna li ma kellhux linja u għalih il-kwistjoni waqfet hemm.

Illi l-appartament numru 11 hu proprjeta' ta' missier l-imputat li malli ġie nfurmat li l-linja ta' Victor Cavallo kienet spiċċat fl-appartament tiegħu ħallas il-kont minnufih.

Illi l-appartament numru 11 spiċċa f'idejn l-imputat għaliex missieru telaq minn hemm u mar igħix band' oħra. Fil-fatt, l-imputat kien beda juża dan l-appartament madwar xahar qabel ma nqala dan il-każ. Jirrizulta li darba minnhom l-imputat induna li kellhu linja tat-telefon iżda ma kienx jaf x'numru kien. Ikkuntattja l-Maltcom iżda ħadd ma qallu xejn u għalhekk beda juża dan is-servizz.

Illi ma saret ebda prova li l-imputat qabbad il-linja mal-appartament tiegħu. Anżi jirrizulta li biex jagħmel hekk kellhu jitlob iċ-ċavetta tal-bieb tal-bejt lil Victor Cavallo għaliex min-naħa tiegħu ma kellu ebda aċċess għal fuq il-bejt.

Illi skond Victor Cavallo, darba waħda ġie mpjegat tal-Maltacom biex isewwi ħsara li kellhu u f'dik l-okkazzjoni biss ta ċ-ċavetta lil din il-persuna li wara li sewwiet il-ħsara li kellhu Cavallo rritorna ċ-ċavetta.

Illi l-anqas ma hemm prova li l-imputat qabbad lil xi persuna oħra biex ittih dan is-servizz tat-telefon.

Illi hu veru li l-imputat uża dan is-servizz iżda minn imkien ma tirrizulta li hu għamel hekk għaliex ried iqarraq jew japprofitta mis-sitwazzjoni għal skopijiet illeċiti. Ġara li refa' t-telefon u sab li l-linja kienet qed taħdem. Illi min imkien ma jirrizulta li l-imputat kellhu l-intenzjoni li japprofitta mis-siwazzjoni. Tant hu hekk li l-kont tħallas mal-ewwel u b'hekk ġie solvut il-misteru tal-linja.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------